

Brussell, 20 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15826/18
ADD 1

EF 352
ECOFIN 1248
DELECT 192

NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Diċembru 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2018) 8333 final ANNEX |
| Suġġett: | ANNEX tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2018) 8333 final ANNEX.

Mehmuż: C(2018) 8333 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2018
C(2018) 8333 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji
tat-tranżazzjonijiet**

ANNEX

IT-TARIFFI INTERIM TAL-EWWEL SENA

Parti 1

It-tariffa superviżorja interim għas-sena tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet fejn l-obbligu ta' rapportar jibda fis-sena ta' wara

1. It-tariffa superviżorja *interim* tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandha tkun l-inqas waħda mit-tnejn li ġejjin:
 - (a) it-tariffa tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet dovuta skont l-Artikolu 5 tar-Regolament preżenti;
 - (b) it-tariffa tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet dovuta skont l-Artikolu 5 tar-Regolament preżenti mmultiplikata bil-proporzjon bejn il-jiem ta' xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni tiegħu sa tmiem is-sena u 150 jum ta' xogħol.

Dan il-kalkolu għandu jsir kif ġej:

*It-tariffa superviżorja interim TR = Min (it-tariffa tar-reġistrazzjoni, it-tariffa tar-reġistrazzjoni * il-Koeffiċjent*

$$\text{il-Koeffiċjent} = \frac{\text{Jiem ta' xogħol superviżorji fis-sena 1}}{150}$$

2. It-tariffa superviżorja *interim* għandha titħallas kompletament 60 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew 30 jum wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2015/2365, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Parti 2

It-tariffa superviżorja interim għas-sena tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet fejn l-obbligu ta' rapportar jibda fl-ewwel sitt xhur tal-istess sena

1. It-tariffa superviżorja *interim* tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandha tkun it-tariffa superviżorja annwali totali stabbilita skont l-Artikolu 6(2)(a) tar-Regolament preżenti diviża bejn ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati matul dik is-sena, fi proporzjon mal-fatturat applikabbli kkalkulat skont il-paragrafu 2.
2. Għall-finijiet tal-kalkolu tat-tariffa superviżorja *interim*, il-fatturat applikabbli ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jkun is-somma
 - tad-dħul iġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali ta' rekords ta' SFTs matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju tas-sena li matulha r-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikun ġie rreġistrat u
 - tad-dħul applikabbli mis-servizzi anċillari tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament preżenti, kif applikabbli, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju tas-sena li matulha r-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikun ġie rreġistrat

diviża bid-dħul totali iġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali ta' rekords ta' SFTs u d-dħul applikabbli mis-servizzi anċillari tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati kollha skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2 tar-

Regolament preżenti, kif applikabbli, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena.

3. It-tariffa superviżorja *interim* għandha tithallas f'zewġ hlasijiet parzjali.
L-ewwel ħlas parzjali għandu jkun dovut fi żmien 30 jum min-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2015/2365 u għandu jammonta għat-tariffa tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 5 tar-Regolament preżenti.
It-tieni pagament parzjali għandu jkun dovut fil-31 ta' Ottubru. L-ammont tat-tieni ħlas parzjali għandu jkun it-tariffa superviżorja *interim* ikkalkulata skont il-paragrafu 1 imnaqqsa bl-ammont tal-ewwel ħlas parzjali.
Jekk l-ammont imħallas minn repożitorju tat-tranżazzjonijiet fl-ewwel ħlas parzjali jkun oġġha mit-tariffa superviżorja *interim* ikkalkulata skont il-paragrafu 1, l-ESMA għandha tirrimborża lir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet id-differenza bejn l-ammont imħallas fl-ewwel ħlas parzjali u t-tariffa superviżorja *interim* ikkalkulata skont il-paragrafu 1.
4. Meta l-kontijiet awditjati għas-sena ta' reġistrazzjoni jsiru disponibbli, ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-ESMA kull bidla fil-fatturat applikabbli kkalkulat skont il-paragrafu 1, li tirriżulta mid-differenza bejn id-*data* finali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju u d-*data* proviżorja użata għall-kalkolu skont il-paragrafu 1.
Ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet jiġu ċċarġjati d-differenza bejn it-tariffa superviżorja annwali għas-sena tar-reġistrazzjoni effettivament imħallsa skont il-paragrafu 3 u t-tariffa superviżorja annwali għas-sena tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas bħala konsegwenza ta' kull bidla fil-fatturat applikabbli msemmija fl-ewwel subparagrafu.
5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 4, it-tariffa superviżorja *interim* ma għandhiex tkun inqas minn EUR 15 000.

Parti 3

It-tariffa superviżorja interim għas-sena tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet fejn l-obbligu ta' rapportar jibda fl-aħħar sitt xhur tal-istess sena

1. It-tariffa superviżorja *interim* tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandha tkun it-tariffa superviżorja totali ddeterminata skont l-Artikolu 6(2)(a) tar-Regolament preżenti, diviża bejn ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet kollha, fi proporzjon mal-proporzjon tat-tariffa għar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet imħallsa lill-ESMA mat-total tat-tariffi għar-reġistrazzjoni kollha mħallsa mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet lill-ESMA f'dik is-sena.
2. It-tariffa stabbilita skont il-paragrafu 1 għandha tkun dovuta 30 jum wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2015/2365.